ŻURRIEQ

# Kunsill LokaliŻurrieq

## Rapport Annwali Amministrattiv
## It-tieni sena tad-disa leġislatura
## Kunsill Lokali

## Jannar, 2021- Diċembru, 2021

### *Tema: Għal Żurrieq Aħjar*

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| L-Introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| Il-Kunsill | 2 |
| Il-Finanzi u l-ħidma tal-Kunsill | 3 |
| L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq | 10 |
| Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank | 11 |
| Ir-Rapport tal-Awdituri Lokali u l-Istqarrijiet Finanzjarji | 16 |

Din hi t-tieni sena tad-disa' leġislatura. Ix-xogħol ma waqaf xejn. Dejjem sar għal ġid tar-residentiu taż-Żurrieq ħolistikament.

Il-Kunsill kompla jinvesti l-maġġor parti tal-fondi tiegħu fuq tindif u manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi u manutenzjoni ta' bankini u manutenzjoni ta' tabelli u marki tat-toroq. Reġa sar patching madwar iż-Żurrieq kollu, din id-darba permess tal-ħaddiema tal-PW, biex il-Kunsill jifranka l-ħlas tas-servizz u jħallas biss tal-materjal. Hafna mit-tindif ta' toroq mhux urbani, sar minn Clean Malta, bis-saħħa tad-Direttur General s-Sur Ramon Deguara, u mill-ħaddiema ta' Parks Malta.

S'issa wettaqna kollox mingħajr il-bżonn li nirrikoru għal self mill-banek u mingħajr il-Kunsill m'għamel deficit.

Wettaqna xogħlijiet f'kull responsabilita li tagħtina l-liġi u wettaqna ħidma soċjali.
Saru ħafna xogħlijiet fl-ewwel parti tad-disa' leġislatura fosthom:

- aktar tindif ta' spiss u manutenzjoni lill-ġonna pubbliċi,
- sar iżejed xogħol ta' refresh ta' marki tat-toroq,
- twaħħlu bins u bankijiet ġodda madwar ir-raħal,
- sar aktar dawl fit-toroq
- manutenzjoni u żebgħa ta' bankijiet , anke b'kuluri tal-qawsalla u bl-arma taż-Żurrieq u ta' Malta,
- żbier ta' siġar wara li ntalbu l-permessi meħtieġa mill-ERA,
- tħawwil ta' ħafna siġar f'postijiet diversi
- saret tiswija estensiva tad-dawl ta' Ġnien il-Ġibjun
- saret manutenzjoni estensiva fil-Mitħna tax-Xarolla
- tlesta x-xogħol ta' cables tal-Go Plc madwar iż-Żurrieq.
- Saret manutenzjoni fejn meħtieġ fl-akwata ta' Hal Millieri
- Saru diversi applikazzjonijiet biex permess ta' fondi oħra l-Kunsill jigwadanja biex isiru proġetti
- Saru attivitajiet limitati minħabba l-problema tal-Covid 19
- Wara diversi laqgħat inbeda inbeda x-xogħol fuq it-torri tal-wardija.
- Wara diversi laqgħat, tlestew Triq il-Pluvieri u Triq il-Wardija minn Infrastructure Malta
- Għamilna żieda ta' kotba, u idpads għall-persuni neqsin mid-dawl, fil-librerija pubblika
- Il-Kunsill qabel li jqabbad konsulent biex jevalwa u jgħin lill-Kunsill f'applikazzjonijiet tal-Planning Authority

Nittama li r-residenti jifhmu li l-Kunsill m'għandux kontroll fuq l-iżvilupp li qed isir fil-lokalita', madanakollu l-Kunsill għandu għajnuna minn Konsulent li jara kull applikazzjoni li tinħareġ. Tal-inqas l-Kunsill qed jara li l-iżvilupp qed jirrispettal-liġijiet, il-pjan lokali u l-policies eżistenti.

Irrid nagħlaq din l-introduzzjoni billi nirringrazzja lill-Viċi Sindku u l-Kunsilliera, lis-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati tal-Kunsill, u nħeġġiġhom naħdmu flimkien għal Żurrieq isbaħ u aktar magħqud.

Rita Grima
Sindku
Diċembru 2021

## 2.1 Il-Kunsill

Din il-leġislatura bdiet f'Lulju, 2019.
Kull Kunsillier għandu r-responsabilita ta' sotto kumitat. L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet mogħtija lilha bl-Att XV ta'l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexija mis-Segretarju Eżekuttiv li għalkemm hu ntitolat li jkollu erbgħa uffiċjali jassistuh, tnejn minnhom jaħdmu fuq bażi ta' reduced hours. Il-Kunsill Lokali żamm jaħdmu żewġ ħaddiema tal-IPSL u ħaddiem wieħed mill-Community Working Scheme. Minnbarra dawn il-Kunsill għandu numru ieħor ta' esperti bħal perit, konsulenti u contract managers fost l-oħrajn.

Il-Kunsillieri flimkien mal-uffiċjali u l-impjegati bil-karigi u l-funzjonijiet mgħoddija lilhom fi ħdan il-Kunsill huma:

Sindku Rita Grima - IL-QASAM SOCJALI, L-INFRASTRUTTURA –BANKINI, PATCHING, MARKI U SINJALI TAT-TRAFFIKU, FINANZI, AMMINISTRAZZJONI, L-ANZJANI U PERSUNI B'DIZABILITA'

Viċi Sindku -Ignatius Farrugia – L-INTEGRAZZJONI SOCJALI U GEMELLAGGI, L-INNOVAZZJONI

Kunsillier Marisa D'Amato - IL-HARSIEN TAL-ANNIMALI, TURIZMU, MEDIA U ATTIVITAJIET PRINCIPALI

Kunsillier Tiffany Farrugia – KOMUNITAJIET (BUBAQRA) U PLANNING AUTHORITY

Kunsillier Kaydem Schembri - L-EDUKAZZJONI, FONDI TAL-UE, GAL XLOKK

Kunsillier Joseph D'Amato – KULTURA U PROGETTI U TOROQ GODDA LI SER JAGHMEL IL-GVERN

Kunsillier Kenneth Farrugia – L-AMBJENT U L-GONNA PUBBLICI, INDAFA

KunsillierKyle Mifsud - IZ-ZGHAZAGH U TFAL U ATTIVITAJIET PRINCIPALI

Kunsillier Dino Bonnici – SPORTS, ATTIVITA FIŻIKA

**Is-Segretarju Josianne Cilia Mumford:** Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju
**Is-Sinjura Francesca Camilleri**: Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani
**Is-Sinjura Charmaine Atanasio**: Sezzjoni Finanzi u Akkwist ta' Servizzi
**Is-Sinjura Maria Briffa Callus**: Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti
**Is-Sinjura Sharon Bartolo**:Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti

## 2.2 Parteċipazzjoni fil-Laqgħattal-Kunsill

Bejn l-1 ta' Dicembru, 2020 u l-31 ta' Diċembru 2021 inżammu ħdax–il laqgħa tal-Kunsill li l-attendenza għalihom kienet:

| | Rita Grima | Ignatius Farrugia | Marisa D'Amato | Kaydem Schembri | Tiffany Attard | Joseph D'Amato | Kenneth Farrugia | Kyle Mifsud | Dino Bonnici |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | |
| **02/12/2020 Seduta 19** | Time In: 18.00 Time Out: 22.00 | skużat | Time In: 18.00 Time Out: 22.00 | Time In: 18.00 Time Out: 22.00 | Time In: 18.00 Time Out: 22.00 | Time In: 18.00 Time Out: 22.00 | Time In: 18.00 Time Out: 22.00 | Time In: 18.00 Time Out: 22.00 | Time In: 18.00 Time Out: 22.00 |
| **13/01/2021 Seduta 20** | Time In: 18.00 Time Out: 20.30 | Time In: 18.00 Time Out: 20.30 | Time In: 18.00 Time Out: 20.30 | Time In: 18.00 Time Out: 20.30 | Time In: 18.00 Time Out: 20.30 | Time In: 18.00 Time Out: 20.30 | Time In: 18.00 Time Out: 20.30 | Time In: 18.00 Time Out: 20.30 | Time In: 18.00 Time Out: 20.30 |
| **24/02/2021 Seduta 21** | Time In: 18.00 Time Out: 20.55 | skużat | skużata | Time In: 19.00 Time Out: 20.55 | Time In: 18.00 Time Out: 20.55 | Time In: 18.00 Time Out: 20.55 | Time In: 18.00 Time Out: 20.55 | Time In: 18.00 Time Out: 20.55 | Time In: 18.00 Time Out: 20.55 |
| **17/03/2021 Seduta 22** | Time In: 18.00 Time Out: 19.10 | Time In: 18.00 Time Out: 19.10 | Time In: 18.00 Time Out: 19.10 | Time In: 18.35 Time Out: 19.10 | Time In: 18.00 Time Out: 19.10 | Time In: 18.00 Time Out: 19.10 | Time In: 18.00 Time Out: 19.10 | Time In: 18.00 Time Out: 19.10 | Time In: 18.00 Time Out: 19.10 |
| **19/05/2021 Seduta 23** | Time In: 18.00 Time Out: 20.30 | Time In: 18.00 Time Out: 18.50 | Time In: 18.00 Time Out: 20.30 | Time In: 18.20 Time Out: 20.30 | Time In: 18.00 Time Out: 20.30 | Time In: 18.00 Time Out: 20.30 | Time In: 18.00 Time Out: 20.30 | Time In: 18.45 Time Out: 20.30 | Time In: 18.00 Time Out: 20.30 |
| **30/06/2021 Seduta 24** | Time In: 18.00 Time Out: 19.00 | Time In: 18.10 Time Out: 19.00 | Time In: 18.00 Time Out: 19.00 | Time In: 18.00 Time Out: 19.00 | skużata | Time In: 18.00 Time Out: 19.00 | skużat | Time In: 18.00 Time Out: 19.00 | Time In: 18.00 Time Out: 19.00 |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **28/07/2021 Seduta 25** | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | skużat | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | skużat | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 |
| **25/08/2021 Seduta 26** | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | Time In: 18.00 Time Out: 19.45 | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | skużata | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 |
| **22/09/2021 Seduta 27** | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | Time In: 18.00 Time Out: 20.00 | Time In: 18.00 Time Out: 19.55 | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | Time In: 18.00 Time Out: 19.30 | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 |
| **27/10/2021 Seduta 28** | Time In: 18.00 Time Out: 22.00 | Time In: 18.00 Time Out: 20.15 | Time In: 18.00 Time Out: 22.00 | Time In: 18.00 Time Out: 22.00 | Time In: 18.00 Time Out: 22.00 | Time In: 18.00 Time Out: 22.00 | Time In: 18.00 Time Out: 22.00 | Time In: 18.00 Time Out: 22.00 | Time In: 18.00 Time Out: 22.00 |
| **17/11/2021 Seduta 29** | Time In: 18.00 Time Out: 22.10 | Time In: 18.00 Time Out: 21.05 | Time In: 18.00 Time Out: 22.10 | Time In: 18.00 Time Out: 20.05 | Time In: 18.00 Time Out: 22.10 | Time In: 18.00 Time Out: 22.10 | Time In: 18.00 Time Out: 22.10 | Time In: 19.40 Time Out: 22.10 | Time In: 18.00 Time Out: 22.10 |
| **15/12/2021 Seduta 30** | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 | Time In: 18.00 Time Out: 21.00 |

## 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

Is-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru, 2021 kienet waħda kkaratarizzata minn dawn il-fatturi:

Meta wieħed jagħti ħarsa lejn id-dħul u l-infiq tas-sena tar-rapport, id-dħul kienet maqsuma hekk:

95.6 %mingħandil-GvernĊentrali
4.4% mis-sistema tal-infurzar tal-lġi u minn Investimenti u dħul ieħor

Filwaqt li n-nefqa matul l-istess perjodu kienet maqsuma hekk:

16.9 % fl-Onoraria tas-Sindku u s-Salarji tal-Impjegati
75.5% f'xogħlijiet ta' manutenzjoni u amministrazzjoni
7.6% fi proġetti kapitali

L-akbar nefqa ta' manutenzjoni u amministrazzjoni kienet dovuta l-aktar fuq kuntratti ta' tindif u mantenzjoni ta' toroq.
Is-sena finanzjarja ntemmet b'bilanċ favorevoli fil-bank anke meta tqis li għad hemm cheques li mhumiex imsarfin.

## 3.2 Il-Hidma tal-Kunsill

Il-Kunsill kien impenjat f'dawn ix-xogħlijiet :

- Tiswijiet u manutenzjoni ta' toroq, bankini, lampi, sinjali u marki tat-traffiku u ġodda u playing equipment.
- Saru bankini ġodda fejn kien hemm il-ħtieġa.
- Tindif ta' toroq urbani u qtugħ ta' ħaxix ħażin fit-toroq mhux urbani. Mix-xhur tax-xitwa li ġejja l-Kunsill iffirma MOU biex minn Ottubru sa Mejju ma jkunx hemm qtugħ ta' ħaxix, minħabba id-dakra taż-żnażan.
- Tħawlu iżjed pjanti fit-toroq u fejn mietu reġgħu tħawlu mill-ġdid.
- Il-Kunsill ma ħarigx tender għal xogħol ta' tindif tat-toroq mhux urbani għax l-istess xogħol qed isir mill-ħaddiema tal-IPSL u mill-ħaddiema tad-direttorat tal-indafa pubblika. B'hekk il-Kunsill franka diversi flus u dawn intnefqu f'affarijiet oħra.
- Inħasslu z-zuntier tal-knisja u xi toroq bl-għajnuna tal-Cleansing Department, immexxija mid-Direttur Ramon Deguara.
- Twaħħlu dog bins fejn kien hemm il-ħtieġa u f'postijiet fejn ma jdejqux lir-residenti.
- Twaħħlu tabelli biex jindikaw li fit-toroq hemm kolonji ta' qtates u oħrajn fejn hem mil-qniefed.
- Tingħata informazzjoni u għajnuna fuq kull xorta ta' għajnuniet u servizzi soċjali.
- B'limitazzjoni minħabba Covid 19 saru attivitajiet Kulturali għall-persuni b'diżabilta' u l-familjari tagħhom.
- F'Jum iż-Żurrieq reġgħet saret il-kompetizzjoni tal-boċċi fil-ġnien tal-Ġibjun.
- Sar is-sebgħa kalendarju, li din id-darba esebixxa ritratti ta' postijiet ta' interess, meħudha fil-lokalita taz-Zurrieq.

- Tqassmu darbtejn boroż għall-ġbir tal-iskart reċiklat bl-għajnuna tal-Green Pak fost il-ġbir speċjali għall-ħġieġ.

- Tkompliet il-kampanja ta' ġbir ta' tappijiet tal-plastik, batteriji u oġġetti elettroniċi żgħar.

- Sar tindif ta' akwati bl-għajnuna ta' Cleansing Department. Dan kollu fost ħafna postijiet li tnaddfu minn dan id-dipartiment.

- Il-Kunsill kompla bil-paġna tiegħu tal-face book biex jagħti aktari nformazzjoni lir-residenti.

- Tkompliet il-paġna fuq face book 'Yousafezurrieq' fejn tnediet minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid 19.

- Saret attivita' għat-tfal f'Jum San Martin fejn tqassmu l-boroż ta' San Martin u tlugħ ta' tajr, tpinġija u mużika fil-Ġnien ta' Ġibjun. Kien hemm konkorrenza kbira ta' tfal li riedu jieħdu sehem, tant li l-Kunsill kellu jwaqqaf il-booking.

- Ġiet organizzata mixja tard filgħaxija miż-Żurrieq għall-Imdina, fejn min ippartecipa ingħata kafe u biċċa pudina.

- Ġie inawgurat grawnd fil-ġnien tal-ġibjun, sabiex it-tfal ikollhom fejn jilgħabu bil-ballun.

- Inxtraw ipads biex jintużaw minn persuni nieqsa mid-dawl. Dawn jinsabu fil-librerija taż-Żurrieq u jistgħu jiġu mislufa.

- Il-Kunsill reġa ħallas is-sħubija mad-Dog Trust biex jiġu neutered il-qtates fiż-Żurrieq, dan minbarra l-iskema bi ftehim ma' Vet privat, biex feeders jieħdu qtates biex jissewwew u jingħataw il-kura.
- Inbeda x-xogħol tal-cat cafe fi Triq il-Belt Valletta u fis-sena 2022 ser tibda tilqa l-qtates li jkunu ġew imsewwija mill-fondi tal-Kunsill.
- Saret attivita' ta' qtugħ taż-żebbuġ, fejn dan ingħasar u ġie mogħti bħala suvinier meta kien hemm il-bżonn.

- Sar tindif tal-culverts kollha fiż-Żurrieq.
- Ħarġu żewġ Kunsill News biex inżommu lir-residenti infurmati.

- Kull xahar baqa jiġi t-trakk Sort it out, biex ir-residenti jġibu materjal għar-reċiklaġġ fih.

- Bil fondi tal-Unjoni Ewropeja saret app ta' informazzjoni fuq iż-Żurrieq, li ser tibda titħaddem sew fis sena 2022.

- Reġa sar tiżjien tal-Milied f' Bubaqra u fi Triq GM Callus, fi Vjal il-Blue Grotto u f'Misraħ Mattia Preti u għal din is-sena iżżejnet ukoll Triq Wied Babu u Triqn Dun Ġużepp Zammit.

- Sar tiżjien tal-Milied ġdid b'dawl led fi Triq P P Saydon.

- Tħawlu aktar siġar fi Ġnien il-Ġibjun u taħt iċ-ċint tan-Nigret.

- Inbeda x-xogħol ta' restawr fit-torrijiet tal-bebbux fi Triq il-Qrendi. Il-Kunsill ser jiġbor aktar stimi biex jitkompla tali xogħol.

- Inbeda ix-xogħol ta' restawr tat-torri tal-Wardija

- Wara diversi laqgħat tlestew it-toroq li jgħatu għal Wied Fulija – Triq il-Pluvieri u Triq il-Wardija.

- Tlesta ix-xogħol ta' Wied Fulija u ġiet inawgurata. Saret attivita f'Wied Fulija permess ta' dawl solari.
- Fix-xahar ta' Ottubru, il-Kunsill reġgħa xegħel il-faċċata tal-uffiċċju tal-Kunsill, bil-kulur roża, biex joħloq għarfien fuq il-kanċer tas-sider.
- Saret mixja b'risq il-Community Chest Fund, mill-uffiċċju tal-Kunsill sal-Hnejja u lura, fejn ġew mgħotija t-shirt u voucher u flixkun ilma.
- Sar tindif tal-katakombi madwar il-Mitħna tax-Xarolla.
- Saret manutenzjoni kbira fil-Mitħna tax-Xarolla
- Il-Mitħna tx-Xarolla reġgħet bdiet tinfetaħ b'ristrizzjonijiet wara li kienet mgħaluqa minħabba l-pandemija.
- Saret manutenzjoni ta' bandli fejn kien hem mil-ħsarat.
- Bl-għajuna ta' Clean Malta ġiet imsewwija l-funtana li tinsab fil-Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa fi Triq Bronja
- Il-Kunsill ħa sehem fi Smiling Project ta' Erasmus + fejn persuni minn bliet differenti ġew Malta (fiż-Żurrieq) u iltaqgħu għall-konferenza fiż-żewġ każini tal-baned.
- Ġew installati sleeping policeman fejn approvati mir-residenti u minn TM.
- Il-Kunsill qed jaħdem biex jekk hemm affreski f'Dar Mattia Preti, jiġu mikxufa u restawrati.
- Il-Kunsill ta list ta' toroq lill-Infrastructure Malta biex isirilhom wiċċ ġdid, minħabba li jinsabu fi stat ħażin ħafna.
- Fil-ġimgħa l-kbira, saru slaleb bid-dawl ma' arbli fi Triq P P Saydon
- Wara konsultazzjoni ġew installati żewġ charging points għall-vetturi elettriċi – waħda fi Triq Wied Babu u oħra fejn il-Ġnien tal-ġibjun
- Sar dawl fil-picnic area ta' Triq il-Wied
- Tħejja pjan ta' slow streets li ser jibda jitħaddem mis-sena li ġejja
- Saret applikazzjoni għal fondi biex isir wiċċ ġdid lill-parti mil-isqaqin.
- Saru sorveljanzi min uffiċċjali tal-komunita biex jinqabdu persuni li qed iħallu skart fejn mhux permess
- Il-Kunsill reġa għin lil Zurrieq Wolves u Zurrieq FC f'attivitajiet sportive, li jsiru għat-tfal
- Restawr tal-Kappella ta' Sant Andrija.

***Minħabba r-ristrizzjonijiet tal-covid setgħu jsiru dawn l-attivitajiet biss matul din is-sena:***

- Saru attivitajiet ta' għoti ta' demm fejn ipparteċipaw numru sostanzjali.
- Kunċert fil-Knisja Arċipretali fl-okkażjoni tal-50 sena mill-mewt ta' Mons P P Saydon
- Saret laqgħa agrarja fl-iskola primarja
- Saret attivita' tal-Milied għall-anzjani f'lukanda.
- Nike hike miż-Żurrieq għall-Imdina
- Attivita' għat-tfal f' Jum San Martin fi Ġnien il-Ġibjun
- Dawra maż-Żurrieq b'father christmas biex iferraħ lit-tfal
- Mixja/ġirja b'risq il-Community Chest fund
- Sar party tal-Milied ghat-tfal Zrieraq

### 3.3 Organizazzjoni

L-organizazzjonital-Kunsill hi magħmulahekk:




Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill jaħdem bi prattiċi tal-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din għandha ssir bl-aħjar mod bejn l-istruttura organizzativa fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku. Ir-rwoli ta' dawk involuti għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn il-Kunsillieri bħala *policy makers* jmexxu l-pjan ta' ħidma tagħhom, filwaqt li l-amministratturi jesegwixxu l-*policies* bl-aħjar mod possibli.

Fil-globalita tagħha, l-organizazzjoni trid tkun aspirate minn rieda ta' ħidma kollettiva, b'assigurazzjoni fix-xogħol ta' kuljum li jitwettaq minn kull membru li jinsab fiha. L-objettivi jridu jkunu mibnija fuq żewġ sisien prinċipali - l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaqu biex b'ekonomija, effiċjenza u effetivita jkollha l-aħjar paragun ta' kost possibli. L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin.

### 3.4 Konklużjoni

Il-Kunsill Lokalitaż-Żurrieq, permezz tal-ħidma mwettqa matul dawn is-sentejn ta' din id-disa' leġislatura, ser ikun qed iħall impatt qawwi fuq il-lokalita u r-residenti.

In-nefqa pubblika tal-Kunsill trid tkompli tissoda u twassal biex ikun hemm aktar relazzjoni mal-bżonnijiet tal-lokalita' u li tħalli investiment rejali u tanġibbli. L-indafa, l-manutenzjoni tat-toroq u l-manutenzjoni tal-postijiet ta' rikreazzjoni, biex ikunu aktar siguri għat-tfal li jużawhom, għandhom jibqgħu fuq quddiem tal-ħidma tal-Kunsill.

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**

Jannar, 2021

## 2.2 Detailed Estimates of Income

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2021 (Euro) | ACTUAL 2021 (Euro) | BUDGET 2022 (Euro) | VAR BUD-BUD (Euro) | VAR BUD-ACT (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Annual | 881,044.00 | 899990.69 | 900,000.00 | 18,956.00 | 9.31 |
| 2 | Supplementary | | | | | |
| 3 | Special needs | | | | | |
| 5 | Local Govt Schemes | 30,000.00 | 24,604.28 | 30,000.00 | | 5,395.72 |
| 6 | Other | 60,000.00 | 48,463.83 | 60,000.00 | | 11,536.17 |
| | | **971,044.00** | **973,058.80** | **990,000.00** | **18,956.00** | **16,941.20** |
| | | | | | | |
| 20 | Bye-Laws | | | | | |
| 21 | Community Services | 60,000.00 | 38,533.00 | 50,000.00 | -10,000.00 | 11,467.00 |
| 36 | Contravention of bye-laws | | | | | |
| 56 | Contributions and donations | | | | | |
| 71 | Generali | 145.00 | 144.20 | 150.00 | 5.00 | 5.80 |
| 64 | Income from administration fee | 5,000.00 | 6,025.00 | 6,500.00 | 1,500.00 | 475.00 |
| | | **65,145.00** | **44,702.20** | **56,650.00** | **-8,495.00** | **11,947.80** |
| | | | | | | |
| 90 | Investment | | | | | |
| 91 | Bank interest | 40.00 | 53.00 | 50.00 | 10.00 | -3.00 |
| 96 | Government securities | | | | | |
| | | **40.00** | **53.00** | **50.00** | **10.00** | **-3.00** |
| 100 | General | | | | | |
| 110 | Donations | | | | | |
| 140 | Insurance Claims | 1,378.00 | 0 | **1,000.00** | -378 | 1,000.00 |
| 260 | Accrued Income receivable (Grants) | 556,774.00 | **0** | **556,774.00** | | 556,744.00 |
| | | **558,152.80** | | **557,774.00** | **-378** | **557,744.00** |
| | | | | | | |
| | TOTAL | **1,594,381.00** | **1,017,814.00** | **1,604,474.00** | **10,093.00** | **586,660.00** |

## 2.3 Detailed Estimates of Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2021 (Euro) | ACTUAL 2021 (Euro) | BUDGET 2022 (Euro) | VAR BUD-BUD (Euro) | VAR BUD-ACT (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | | | | | |
| 1105 | Mayor, Deputy, Councillor's allowance | 37510.00 | 30916.00 | 37,510.00 | | 6,594.00 |
| 1200 | Employees salaries and wages | 96000.00 | 81133.00 | 104,734.00 | 8,734.00 | 23,601.00 |
| 1300 | Bonuses | 900.00 | 414.00 | 1,000.00 | 100.00 | 586.00 |
| 1400 | Income supplements | 1000.00 | 771.00 | 1,000.00 | | 229.00 |
| 1500 | Social Security contributions | 9800.00 | 6792.53 | 10,500.00 | 700.00 | 3,707.47 |
| 1600 | Allowances | | | | | |
| 1700 | Overtime | 400.00 | | 400.00 | | 400.00 |
| | | **145,610.00** | **120,026.53** | **155,144.00** | **9,534.00** | **35,117.47** |
| 2000 | Operations and maintenance | | | | | |
| 2100 | Utilities | 11,000.00 | 10,557.00 | 12,000.00 | 1,000.00 | 1,443.00 |
| 2200 | Materials and supplies | 3,000.00 | 2,374.00 | 3,000.00 | | 626.00 |
| 2300 | Repair and upkeep | 197,000.00 | 150,894.00 | 229,000.00 | 32,000.00 | 78,106.00 |
| 2400 | Rent | 10,700.00 | 13,302.00 | 14,200.00 | 3,500.00 | 898.00 |
| 2500 | International memberships | 1,350.00 | 1,283.00 | 1,300.00 | -50.00 | 17.00 |
| 2600 | Office services | 6,600.00 | 6,417.00 | 6,500.00 | -100.00 | 83.00 |
| 2700 | Transport | 3,000.00 | 2,859.00 | 3,000.00 | | 141.00 |
| 2800 | Gemellaggi | 3,700.00 | 638.00 | 3,700.00 | | 3,062.00 |
| 2900 | Information services | 10,100.00 | 4,006.00 | 10,100.00 | | 6,094.00 |
| 3000 | Contractual services | 309,500.00 | 281,597.00 | 411,600.00 | 102,100.00 | 130,003.00 |
| 3100 | Professional services | 26,100.00 | 13,155.00 | 29,100.00 | 3,000.00 | 15,945.00 |
| 3200 | Training | | 236.00 | 300.00 | 300.00 | 64.00 |
| 3300 | Community and hospitality | 50,000.00 | 18,567.00 | 40,000.00 | -10,000.00 | 21,433.00 |
| 3400 | Incidental expenses | | | | | |
| 3600 | LES Enforcement | 1,000.00 | 1,089.00 | 2,000.00 | 1,000.00 | 911.00 |
| 8000 | Depreciation | | | | | |
| | | **633,050.00** | **506,974.00** | **765,800.00** | **132,750.00** | **258,826.00** |
| 7000 | Capital Expenditure | | | | | |
| 7001 | Acquisition of property | | | | | |
| 7100 | Construction | | | | | |
| 7200 | Improvements | 18,500.00 | 16,846.00 | 20,000.00 | 1,500.00 | 3,154.00 |
| 7300 | Equipment | 3,000.00 | 8,222.00 | 3,000.00 | | -5,222.00 |
| 7500 | Special programmes | 683,025.00 | 28,274.00 | 795,584.00 | 112,559.00 | 767,310.00 |
| | | **704,525.00** | **53,342.00** | **818,584.00** | **114,059.00** | **765,242.00** |
| | TOTAL | **1,483,185.00** | **680,342.53** | **1,739,528.00** | **256,343.00** | **1,059,185.47** |

## 2.1 Consolidated Estimates of Income and Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2021 (Euro) | ACTUAL 2021 (Euro) | BUDGET 2022 (Euro) | VAR BUD-BUD (Euro) | VAR BUD-ACT (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | | |
| 0 | Government | 971,044.00 | 973,058.80 | 990,000.00 | 18,956.00 | 16,941.20 |
| 20 | Bye-laws | 65,145.00 | 44,702.20 | 56,650.00 | -8,495.00 | 11,947.80 |
| 90 | Investment | 40.00 | 53.00 | 50.00 | 10.00 | -3.00 |
| 100 | General | 558,152.80 | | 557,774.00 | -378.00 | 557,744.00 |
| | TOTAL | **1,594,381.80** | **1,017,814.00** | **1,604.474.00** | **10,093.00** | **586,660.00** |
| **1** | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal emoluments | 145,610.00 | 120,026.00 | 155,144.00 | 9,534.00 | 35,117.47 |
| 2000 | Operations and maintenance | 633,050.00 | 506,974.00 | 765.800.00 | 132,750.00 | 258,826.00 |
| 7000 | Capital Expenditure | 704,525.00 | 53,342.00 | 818,584.00 | 114,059.00 | 765,242.00 |
| | TOTAL | **1,483,185.00** | **680.342.00** | **1,739,528.00** | **256,343.00** | **1,059,185.47** |
| | **Balance** | **111,196.80** | **337,472.00** | **-135,054.00** | **-246,250.00** | **-472,525.47** |

**Dawn il-figuri huma sal -gurnata 12 ta' Novembru, 2021**

### 5.1.1 Kont tas-Savings – HSBC – 78057692050

| | |
|---|---|
| **Bilanċfuq id-dikjarazzjonital-Bank** | **27,035.00** |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta ' Ottubru, 2021 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjonital-Bank | |
| Naqqasil-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **27,035.00** |

### 5.1.2 Kont tas-Savings – BOV – 17905262020

| | |
|---|---|
| **Bilanċfuq id-dikjarazzjonital-Bank** | **701,239.00** |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta ' Ottubru, 2021 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **701,239.00** |

### 5.1.6 kont Savings HSBC MITHNA 78057692051

| | |
|---|---|
| **Bilanċfuq id-dikjarazzjonital-Bank** | **39,378.63** |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta ' Ottubru, 2021 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **39,378.63** |

### 5.2.2 KontKurrenti – BOV – 17905262017

| | |
|---|---|
| **Bilanċfuq id-dikjarazzjonital-Bank** | **471,193.00** |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta ' Ottubru, 2021 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **471,193.00** |

## 5.3 KontijietFissi

### 5.3.1 KontFiss - BOV - 40018197570

| | |
|---|---|
| **Bilanċfuq id-dikjarazzjonital-Bank** | **103,000** |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta ' Ottubru, 2021 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **103,000** |

### Petty Cash Account

| | |
|---|---|
| **Bilanċfuq id-dikjarazzjoni** | **97.60** |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta ' Ottubru, 2021 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni | |
| **Bilanċ Nett** | **97.60** |
| | |

Josianne Cilia Mumford
SegretarjuEżekuttiv